MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 171/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sharon O'Neill**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sharon O'Neill talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Jannar, 2002 u x-xaghrejn ta' qabel, go San Gwann u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

1. kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi;

2. bieghet jew xort'ohra ttraffikat fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi;

3. fl-istess hin, data u cirkostanzi bieghet jew offriet li tbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza methylenedioxyamphetamine, li hija kontrollata u ristretta bil-ligi, u dan bi ksur tal-ligi;

4. kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Sharon O'Neill hatja skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u kkundannatha ghoxrin jum prigunerija u multa ta' mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Sharon O'Neill, minnha ppresentat fis-26 ta' Settembru, 2003 li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed semplici: hija tikkontendi li galadarba ma nstabet u giet elevata ebda droga – sia jekk droga projbita taht il-Kap. 101 jew droga li hi regolata bil-Kap. 31 – hija ma setghetx tinstab hatja kif effettivament instabet. Tikkontendi li s-semplici fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess taghha u li xtrat ghal haddiehor ir-raza tal-*cannabis* kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-*cannabis* jew "ecstasy".

Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wiehed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analizi taghha, jista' jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubju dwar kemm verament l-oggett li dak li jkun ikun xtara (jew zamm jew ghadda lil haddiehor) kien droga projbita mill-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li

f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bhalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-kaz – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-kaz li l-appellanti verament kellha r-raza tal-*cannabis* u l-"ecstasy", u mhux xi "oggett" iehor, allura l-htija tista' tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jinghad ghad-deposizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil-konfront tal-akkuzat meta ma tinstabx droga. S'intendi f'kaz simili l-ghaqal x'aktarx ikun jitlob li x-xhud jigi mistoqsi, fost affarijiet ohra, x'kien l-effett tat-tehid jew amministrazzjoni ta' dak l-oggett li huwa jghid li jkun xtara minghand l-akkuzat, u dan sabiex wiehed ikun jista' jivverifika jekk tali effett hux simili ghal dak tad-droga li l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li kellu jew li bejgh l-imputat jew akkuzat. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti, konkluzzjoni bbazata esklussivament fuq iz-zewg stqarrijiet (wahda minnhom guramentata) tal-appellanti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------